# SEJHA T'ALLA

*Lill-ħabib Annibale Preca.*

*Ta'* G. MUSCAT-AZZOPARDI

"*Nar qejt imkebbes fl-art; u rrid imħabba*

bejn dawk li jien inħobb u jħobbu lili,
għax fi qlub ħbiebi ma għandux jitrabba
ħjiel ta' mibegħda, biex imrar jisqili.

U jekk il-għadu jirnexxilu jtabba'
dawk li f'għamilhom ma jtuqux f'għamili,
b'kotra ta' dawl lilhom mis-Sema nxabba',
li, f'qasir żmien, ruħhom mill-ġdid jifdili...

Mulejja, ridtni ngħaddi minn dad-delu
biex isaffiha fin-nirien ta' mħabbtek?—
Mulejja l-madmad tiegħek kemm hu ħelu!

Iva, ġeddidni; midd għalija driegħek:
u f'mewti titfakarx kemm drabi slabtek:
li ħlaqtni ftakar biex nitħenna miegħek.

Fit-30 ta' Diċembru, 1899